II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Frar 2008

dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja fl-Iżrael u li tidderoga mid-Deċiżjoni 2006/696/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 679)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/161/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 22(1) u (6) tagħha,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u f'għasafar oħra, li tikkawża mwiet u disturbi li malajr jistgħu jiżviluppaw fi proporzjonijiet epiżootiċi li kapaċi jwasslu għal theddida serja għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u jnaqqsu sew il-qligħ mit-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet. Hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jiddaħħal fil-Komunità permezz tal-kummerċ internazzjonali fit-tjur ħajjin u ċerti għasafar oħra u l-prodotti tagħhom.

(2) L-Iżrael ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar tifqigħa fit-tjur ta' influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja kkawżata mill-vajrus A ta' l-influwenza tas-sottotip H5N1. L-Iżrael ħa l-miżuri kollha meħtieġa u għarraf lill-Kummissjoni dwar dan.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE tat-28 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom tjur, bajd għat-tifqis, flieles ta' ġurnata, laħam ta' tjur, ta' ratiti u ta' tjur selvaġġi tal-kaċċa, bajd u prodotti tal-bajd u bajd speċifikat bħala liberu mill-patoġeni jistgħu jiġu importati ġewwa u jgħaddu mill-Komunità u l-kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja [3] u emendata bid-deċiżjonijiet 93/342/KEE, 2000/585/KE u 2003/812/KE, tistabbilixxi kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet u t-tranżitu mill-Komunità ta' dawn il-prodotti. Filwaqt li jitqies it-tagħrif ipprovdut mill-Iżrael u l-livell ta' kontroll tal-marda applikat, huwa xieraq li jiġu stipulati miżuri li jistgħu jiġu applikati f'partijiet ta' dak il-pajjiż terz skond il-qagħda epidemjoloġika u li ssir deroga temporanja mir-rekwiżiti kif stipulat fid-Deċiżjoni 2006/696/KE.

(4) Fid-dawl tat-theddida għas-saħħa ta' l-annimali li ġejja mir-riskju ta' l-introduzzjoni ta' l-influwenza tat-tjur fil-Komunità, huwa xieraq li jiġu sospiżi l-importazzjonijiet ta' tjur ħajjin, ta' għasafar li ma jtirux u ta' tjur ta' irziezet u tal-kaċċa bir-rix u tal-bajd għat-tifqis ta' dawk l-ispeċi mill-partijiet affettwati ta' l-Iżrael.

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE.

[3] ĠU L 295, 25.10.2006, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1237/2007 (ĠU L 280, 24.10.2007, p. 5).

(5) Filwaqt li jitqies ir-riskju għas-saħħa ta' l-annimali, huwa wkoll xieraq li jiġu sospiżi l-importazzjonijiet lejn il-Komunità mill-parti affettwata ta' l-Iżrael ta' laħam frisk tat-tjur, ta' għasafar li ma jtirux, ta' għasafar ta' l-irziezet u tal-kaċċa bir-rix u l-importazzjonijiet ta' laħam ikkapuljat, laħam isseparat bil-magni, preparazzjonijiet ta' laħam u prodotti tal-laħam magħmula minn jew li fihom il-laħam ta' dawn l-ispeċi, kif ukoll ċerti prodotti oħra ta' l-għasafar.

(6) Ċerti prodotti ġejjin mit-tjur, mill-għasafar li ma jtirux u minn dawk ta' l-irziezet u tal-kaċċa bir-rix maqtula jew ikkaċċjati qabel it-12 ta' Diċembru 2007 għandhom ikomplu jiġu awtorizzati mill-pajjiż kollu ta' l-Iżrael, filwaqt li jitqies il-perjodu ta' inkubazzjoni ta' l-influwenza tat-tjur.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' l-istonku, il-bżieżaq ta' l-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi [1] u mħassara bid-deċiżjoni 2005/432/KE tistipula trattamenti speċifiċi f'Parti 4 ta' l-Anness II għal din id-Deċiżjoni li tikkonċerna dawn l-importazzjonijiet. Skond dan, l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-laħam tat-tjur, ta' l-għasafar li ma jtirux u ta' dawk imrobbija u tal-kaċċa bir-rix li joriġinaw mill-Iżrael u li huma ttrattati b'temperatura ta' mill-inqas 70 C li tiddiżattiva l-patoġenu għall-influwenza tat-tjur fil-prodott kollu għandhom ikomplu jibqgħu awtorizzati.

(8) Huwa xieraq li jiġi limitat il-perjodu li matulu l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw. Skond dan, filwaqt li jitqies il-ħin meħtieġ biex jiġi konkluż definittivament li t-tifqigħa ma nfirxitx, dawn il-miżuri għandhom jieqfu milli japplikaw għat-tjur importati wara t-2 ta' April 2008 u għal prodotti magħmula wara din id-data.

(9) Mandankollu, biex ikun f'pożizzjoni li jiffirma ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' tjur ħaj u ta' prodotti tat-tjur, l-Iżrael huwa mitlub skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 93/342/KEE [2] u 94/438/KE [3] li jkun liberu mill-influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur li matulu qed tiġi pprattikata politika ta' qatla sanitarja u mingħajr ma tingħata ebda tilqima ta' emerġenza.

(10) Meta l-Iżrael jerġa' jikseb l-istatus tiegħu ta' qabel, jerġa' jkun għal darb'oħra f'pożizzjoni li fiha jkun jista' jiċċertifika li huwa pajjiż liberu mill-influwenza tat-tjur ta' patoġeniċità għolja, skond id-Deċiżjonijiet 93/342/KEE u 94/438/KE. Madankollu, meta jitqies li l-miżuri applikati mill-Iżrael jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-miżuri Komunitarji, l-importazzjonijiet mit-territorju kollu ta' dak il-pajjiż terz għandhom jiġu awtorizzati, soġġetti għal ċerti rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni, mit-3 ta' April 2008.

(11) Iżda mit-3 ta' April sad-data tat-tmiem ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, iċ-ċertifikat għandu jsemmi li l-prodotti huma importati skond din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deroga mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2006/696/KE

B'deroga mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2006/696/KE, minflok il-kitbiet fil-Parti I ta' l-Anness K ta' dik id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw il-kitbiet fit-tabella li ġejja għall-importazzjonijiet mill-Iżrael.

IL – L-Iżrael	IL-0	L-Iżrael kollu			
	IL-1	Parti mill-Iżrael barra mill-fruntieri li ġejjin: — Fil-parti tal-Punent, il-Baħar Mediterran — Fil-parti ta' Nofsinħar, l-awtostrada numru 65. — Fil-parti tat-Tramuntana, l-awtostrada numru 70 (Il-Wied ta' Milek). — Fil-parti tal-Lvant, ir-rotta ta' l-awtostrada numru 6 li qed isirilha xi xogħol tul il-medda tal-punent ta' Mount Carmel.	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SPF, SRP		

[1] ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.
[2] ĠU L 137, 8.6.1993, p. 24. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/696/KE.
[3] ĠU L 181, 15.7.1994, p. 35.

	IL-2	Parti mill-Iżrael ġewwa l-fruntieri li ġejjin: — Fil-parti tal-Punent, il-Baħar Mediterran — Fil-parti ta' Nofsinħar, l-awtostrada numru 65. — Fil-parti tat-Tramuntana, l-awtostrada numru 70 (Il-Wied ta' Milek). — Fil-parti tal-Lvant, ir-rotta ta' l-awtostrada numru 6 li qed isirilha xi xogħol tul il-medda tal-Punent ta' Mount Carmel.			

Artikolu 2

Deroga mill-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2006/696/KE

B'deroga mill-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2006/696/KE, minflok il-kitbiet f'Parti I ta' l-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw il-kitbiet fit-tabella li ġejja għall-importazzjonijiet mill-Iżrael.

IL – L-Iżrael	IL-0	L-Iżrael kollu			
	IL-1	Parti mill-Iżrael barra mill-fruntieri li ġejjin: — Fil-parti tal-Punent, il-Baħar Mediterran — Fil-parti ta' Nofsinħar, l-awtostrada numru 65. — Fil-parti tat-Tramuntana, l-awtostrada numru 70 (Il-Wied ta' Milek). — Fil-parti tal-Lvant, ir-rotta ta' l-awtostrada numru 6 li qed isirilha xi xogħol tul il-medda tal-Punent ta' Mount Carmel.	WGM	III	
			EP, E POU, RAT		
	IL-2	Parti mill-Iżrael ġewwa l-fruntieri li ġejjin: — Fil-parti tal-Punent, il-Baħar Mediterran — Fil-parti ta' Nofsinħar, l-awtostrada numru 65. — Fil-parti tat-Tramuntana, l-awtostrada numru 70 (Il-Wied ta' Milek). — Fil-parti tal-Lvant, ir-rotta ta' l-awtostrada numru 6 li qed isirilha xi xogħol tul il-medda tal-Punent ta' Mount Carmel.			

Artikolu 3

Sospensjoni ta' ċerti importazzjonijiet mill-Iżrael

L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjonijiet mill-Iżrael ta':

(a) tjur ħaj, għasafar li ma jtirux u tjur tal-kaċċa bir-rix, u bajd għat-tifqis ta' dawk l-ispeċi li ġejjin mit-territorju IL-2, kif iddefinit fit-tabella fl-Artikolu 1;

(b) il-prodotti li ġejjin magħmula qabel it-2 ta' April 2008 u li ġejjin mit-territorju IL-2, kif iddefinit fit-tabella fl-Artikolu 2:

(i) laħam frisk tat-tjur, ta' ratiti u ta' għasafar ta' l-irziezet u tal-kaċċa bir-rix;

(ii) laħam ikkapuljat, laħam isseparat mekkanikament, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom, laħam imsemmi f'(i);

(iii) ikel nej għall-annimali domestiċi u materjal mhux ipproċessat għall-għalf li fih kwalunkwe parti minn tjur, u minn ratiti u minn tjur ta' l-irziezet u tal-kaċċa bir-rix.

Artikolu 4

Deroga mill-Artikolu 3(b) ta' din id-Deċiżjoni

B'deroga mill-Artikolu 3(b), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 3(b)(i), (ii) u (iii), li jkunu nkisbu minn għasafar maqtula jew li jkunu ġew ikkaċċjati qabel it-12 ta' Diċembru 2007.

Fiċ-ċertifikati veterinarji/dokumenti kummerċjali li jakkumpanjaw il-kunsinni ta' dawn il-prodotti, il-kliem li ġejjin kif xieraq għall-ispeċi għandhom jiġu inklużi:

"Laħam frisk/laħam ikkapuljat/laħam isseparat mekkanikament tat-tjur, tar-ratiti, ta' l-għasafar ta' l-irziezet jew tat-tjur tal-kaċċa bir-rix [A] jew preparazzjonijiet ta' laħam/prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom laħam tat-tjur, ta' l-għasafar li ma jtirux, ta' l-għasafar ta' l-irziezet jew tal-kaċċa bir-rix [A] jew ikel ta' l-annimali domestiċi nej u materjal ta' l-għalf mhux ipproċessat li fih partijiet mit-tjur, mill-għasafar li ma jtirux, mit-tjur ta' l-irziezet jew tal-kaċċa bir-rix [A] miksub minn għasafar maqtula jew ikkaċċjati qabel it-12 ta' Diċembru 2007 u skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/161/KE.

[A] Ħassar kif xieraq."

Artikolu 5

Derogi mill-Artikolu 3(b)(ii) ta' din id-Deċiżjoni

B'deroga minn paragrafu 3(b)(ii), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn, jew li fihom, laħam tat-tjur, tar-ratiti, tat-tjur ta' l-irziezet jew tal-kaċċa bir-rix bil-kundizzjoni li l-prodott tal-laħam ikun għadda minn għall-anqas wieħed mit-trattamenti speċifiċi msemmija taħt il-punti B, C jew D fil-Parti 4 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

It-trattament speċifiku applikat skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ċċertifikat billi jiżdied dan il-kliem li ġej:

(a) għall-punt II.1.1, kolonna B ta' l-attestazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika, stipulat skond il-mudell imfassal fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE:

"Prodotti tal-laħam ittrattati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/161/KE"

(b) għall-punt I.28 fil-kolonna "Tip ta' trattament" taċ-ċertifikat veterinarju tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika, stipulat skond il-mudell imfassal fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2007/777/KE:

"Prodotti tal-laħam ittrattati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/161/KE"

Artikolu 6

Ħtieġa ta' ċertifikazzjoni

Mit-3 ta' April 2008, l-importazzjonijiet fil-Komunità mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jitħallew mit-territorju kollu ta' l-Iżrael, suġġetti għall-inklużjoni tal-kliem li ġej fiċ-ċertifikati veterinarji li jakkumpanjaw il-kunsinni ta' dawn il-prodotti:

"Il-kunsinna skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/161/KE."

Artikolu 7

Konformità

L-Istati Membri għandhom immedjatament jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 8

Applikabbilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-2 ta' Lulju 2008.

L-Artikoli 1 sa 5 għandhom japplikaw sat-2 ta' April 2008.

Artikolu 9

Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni